Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 4 ta' Novembru 2024**

**Kump. Nru. 8669/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elisia Scicluna)**

**Versus**

**Mona Ibrahim Mahmud**
**(0175289A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Mona Ibrahim Mahmud**, detentrici tal-permess ta' residenza 0175289A.

Akkuzata talli nhar it-2 ta' Novembru 2023 ghall-habta ta' bejn is-19:00hrs u t-20.00hrs fl-akkwati ta' Triq Santa Rita, il-Marsa, Malta u/jew fil-gzejjer Maltin:

1. Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PC 2299 Aiden Michail Demicoli, PC 1218 Kenneth Mizzi u/jew persuni ohra filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti. Art. 96 (a) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess hin u cirkostanzi, ingurjat jew heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PC 2299 Aiden Michail Demicoli, PC 1218 Kenneth Mizzi u/jew persuni ohra, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu qeghdin jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza' jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi waqt l- ezekuzzjoni ta' dak is-servizz; Art. 95 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess hin u cirkostanzi, ma obdietx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' tal-Pulizija waqt li jkunu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlet fi dmirhom, billi ma hallithomx jaghmlu dak li b'ligi jkunu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-dizubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra. Art. 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess hin u cirkostanzi, minghajr ma darbet jew sawtet, heddet lil PC 2299 Aiden Michail Demicoli, Pc 1218 Kenneth Mizzi u/jew persuni ohra b'gebel jew waddbet jew qabdet xi arma sabiex thebb ghalihom; Art. 339 (1)(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess hin u cirkostanzi, zammet f'xi fond jew kellha fil-pussess taghha, taht il-kontroll taghha jew garret barra minn xi fond jew fid-dintorni taghha xi sikkina, jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta tkun u dan minghajr ma kellha licenzja jew permess minghand il-Kummissarju; Art 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess hin u cirkostanzi, kisret il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied; Art. 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll mitluba li titratta mal-imputata bhala recediva ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta hi kienet giet misjuba hatja u kkundannata ghal reati, b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, flimkien ma' kwalunkwe restituzzjoni li ghandha tigi maghmula lill-partijiet involuti ghal kwalunkwe hsarat jew ingurji sofruti.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-4 ta' Dicembru 2024, xehdet l-Ispettur Elisia Scicluna[1] fejn qalet, li fit-2 ta' Novembru 2023 giet infurmata minn PS825 Theodore Busuttil mill-ghassa tal-Hamrun li kienu ghadhom kemm arrestaw lil Mona Ibrahim Mahmoud ghax kienet allegatament hebbet ghal PC 2299 u PC1218 li kienu marru fit-Triq Santa Rita, Marsa wara li kienu gew infurmati li kien hemm ragel li kien vjolenti u kien qieghed jghajjat fit-triq. Kif waslu fuq il-post PC2299 beda jaghmel patrol fejn sema' mara tghajjat fl-istess triq mir-residenza bl-isem Francis u kif mar vicin id-dar, sab il-bieb maghluq minghajr katnazz u kif miss mieghu dan il-bieb infetah. Sab lil akkuzata Mona Ibrahim Mahmoud, li bdiet tghajjat u hu beda jipprova jikkalmaha, izda f'hin minnhom din daret u qabdet sikkina u bdiet ixxejirha lejn il-Pulizija. PC2299 beda jaghtiha struzzjonijiet biex titlaq is-sikkina u ntuza taser biex jikkontrolla lill-imputata. Ix-xhud pprezentat evidence bag bis-sikkina mmarkata Dok MIM1 u iehor b'cartridges ta' taser mmarkati Dok MIM2[2] , kif ukoll pendrive bil-filmat tal-bodycams ta' PC2299 u PC1218 mmarkat Dok AMGX2[3]. Il-Pulizija sejhu ghal ambulanza minhabba li intuzat il-laser tag. Waqt illi kienet fl-ambulanza, l-imputata baqghet tghajjar lil PC2299 li l-Pulizija ta' Malta huma l-akbar pufti. L-imputata giet discharged mill-isptar skond discharge letter mmarkata Dok MIM4[4] u inzammet arrestata. L-ghada filghodu, l-iSpettur hadet l-istqarrija ta' Mona Ibrahim Mahmud li gharfet fl-awla, liema stqarrija giet pprezentata u mmarkata bhala Dok MIM 5[5], gewwa l-ghassa tal-Hamrun fil-prezenza ta' PC 146 Kay Fenech, fejn l-imputata qalet li kienet kommossa hafna minhabba li bezghet mill-ex ragel taghha, li kien qieghed jghajjat u jistedinha biex tohrog mid-dar. L-imputata qalet illi minkejja li kienet ghamlet hafna rapporti ta' vjolenza domestika kontrieh, hu qatt ma tressaq il-Qorti. L-imputata qalet li kienet zammet is-sikkina vicin taghha minhabba li kienet tibza' mill ex ragel, u m'obditx l-ordinjiet tal-Pulizija ghax m' kienx jimpurtha minnhom u jekk jigi r-ragel kienet toqtlu bis-sikkina. L-imputata kienet hadet xi recording bil-mobile li deher fuq tiktok. Ix-xhud pprezentat l-affidavit ta' PC 2299, PS825 u PC1218 immarkati Dok AMG1[6] u AMG2[7] u AMGX1[8]. Fit-3 ta' Gunju 2024, l-iSpettur Elisia Scicluna xehdet in kontro ezami [9]fejn ikkonfermat illi ma kinitx fuq il-post meta sehh l-incident, izda kif giet infurmata bir-rapport, tkellmet mal-

[1] Fol. 26 u 38
[2] Fol. 30A
[3] Fol. 41
[4] Fol. 32
[5] Fol. 33
[6] Fol. 20
[7] Fol. 24
[8] Fol. 40
[9] Fol. 147J

kuntistabbli li marru fuq il-post u li ipprezentaw x-xhieda taghhom permezz tal-affidavit, kif ukoll mas-Surgent li ghamel kuntatt maghha dakinhar. Ix-xhud ipprezentat Dok AMGX1[10] li huwa Standard Operations Procedure dwar l-uzu tat-taser. Hi kkonfermat illi qabel il-Pulizija juzaw taser, sakemm is-sitwazzjoni tippermetti ghas-sigurta tal-persuna li ser tuza t-taser kif ukoll ghal persuna civili, ghandu javza lil persuna li ser juzah. B 'referenza ghall-filmat, ix-xhud ikkonfermat illi rat il-filmat, fejn ghall-ewwel ma kienx hemm *sound* u tidher persuna agitata fir-residenza li bdiet tghajjat u tidher li kellha sikkina f'idejha. Il-Pulizija jidher u jinstema' jipprova jikkalmaha u beda jaghtiha l-ordni biex tnehhi s-sikkina. L-imputata baqghet m'obdietx, u x'hin ra li s-sikkina ma kinitx vicin tal-persuna taghha, giet sparata t-taser ghax is-sitwazzjoni kienet ta' periklu ghal-Pulizija u wisq aktar ghall-akkuzata. Il-Pulizija kien ghadu taht l-ghatba u l-imputata kienet gewwa, imma l-bieb ma kienx maghluq jew sokjuz ghax kieku t-taser ma kienx jasal fuq il-persuna. X'hin giet sparata t-taser is-sikkina kienet ghadha f'idejn l-imputata u din telqet is-sikkina minn idejha kif wehlu l-probes maghha. Waqt l-istatement l-imputata ma gietx provduta bl-interpretu, ghax qalet li tifhem u fil-fatt bdiet tifhem kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz. Fir-recording tinstema' titkellem bil-Malti u toffendi l-Pulizija bil-Malti u Ingliz bil-kliem giddibin u l-Pulizija qalulha li kienet ghajrithom pufti.

Illi fit-12 ta' Dicembru 2023 il-Qorti hatret lil Keith Cutajar biex johrog stills mill-filmat immarkat Dok AMGX2, li xehed fit-2 ta' Mejju 2024[11] fejn irritorna Dok AMGX2 u pprezenta r-rapport tieghu mmarkat Dok KCX1[12] li kien jidher li kien filmat minn fuq bodycam tal-Pulizija. L-espert hareg transcripts tal-audio li nstema' fil-filmat f'appendici 2 tar-rapport. Fit-3 ta' Gunju 2024 xehed in kontro ezami Keith Cutajar[13] fejn ikkonferma illi l-ewwel kliem li sema' waqt il-filmat kien, *'nehhieha minn hemm nehhieha minn hemm,'* li jaghmel referenza ghaliha f'pagna 68. Dan huwa extraction mill-filmat li gabar mill-atti u li x-xhud ma kienx prezenti waqt il-filmat li huwa ta' bodycam. Mill-esperjenza jaf illi meta tinxteghel il-bodycam l-audio ma jidholx mill-ewwel, pero' ma' setghax jghid kemm inxteghelet qabel, izda jidher li kien ftit sekondi u kif jidher jidhol persuna jibda d-diskors. F'ritratt 61 ikkonferma li kien jidher il-lukkett maghluq, izda kien hemm gangetta li s-soltu jkun hemm katnazz imwahhal maghha, izda katnazz ma kienx hemm. Il-bieb kellu bhal hgiega li fir-ritratt numru 61

[10] Fol. 148
[11] Fol. 98
[12] Fol. 100
[13] Fol. 147A

minnha tidher li hemm persuna ohra  fuq gewwa, u fir-ritratti 67 l-Pulizija deher jispara laser filwaqt illi l-hin indikat fir-ritratt 66 huwa 19.32.08.

Illi xehdet Stephania Calafato Testa[14] li pprezentat zewg sentenzi immarkati Dok SCTX1[15] fejn kien hemm multa ta' €800 li kienet ghadha pendenti u Dok SCTX2[16] li kienet deciza, izda kien hemm denunzja pendenti. L-istess xhud regghet xehdet fit-18 ta' Gunju 2024 fejn ikkonfermat illi kien hemm hames kawzi fil-konfront ta' Ali Mohammed Said Ibrahim quddiem il-Magistrat Lara Lanfranco, erba' kawzi pendenti li kienu differiti ghad- 9 ta'  Lulju 2024 u ohra li kienet giet deciza fit-12 ta' Marzu 2024 u ipprezentat Dok SCTX1[17].

Illi fit-3 ta' Gunju 2024 xehdu in kontra ezami PC825, PC 2299 u PC1218[18]. Fl-affidavit tieghu PC 825 ikkonferma li PC2299 u PC1218 kienu marru fuq il-post wara li kien hemm telefonata li kien hemm argument fi Triq Santa Rita, Marsa. Ix-xhud qal illi mhux hu kien ha t-telefonata bir-rapport, izda hu kien baghat lil PC2299 u PC1218 fuq il-post, u wara kienu infurmawh illi kienu sabu persuna aggressiva li kienet l-imputata Mona Ibrahim Mahmud u kellhom juzaw it-taser. Hu kien informa lill-iSpettur bl-incident izda ma kienx mar fuq il-post.

Illi PC2299 Aiden Demicoli ikkonferma li kien ilu Pulizija ghal tlett snin u dejjem kien stazzjonat Hamrun. Hu kien ghamel kors dwar l-uzu tat-taser waqt ir-reklutagg. Hu kien mar ma' PC1218 fit-Triq Santa Rita, l-Marsa wara telefonata dwar l-istorbju u kif marru sabu l-imputata li gharaf fl-awla, li bdiet tghajjat li sakruha gewwa r-residenza taghha bl-isem ta' St. Francis. Il-bieb kien maghluq imma ma kienx msakkar, ghax kif imbuttah infetah wara li nehha il-lukett li kienet qisha gangetta u hu fethu bil-mod, imma fethu kollu u ma kienx sokjuz. Dak il-hin Mona ma kellha xejn f'idejha ghax bdiet tiddendel mal-hadid ghax qalet li sakkruha gewwa u hu spejgalha w urieha li l-bieb ma kienx msakkar. Hi qaltlu li kellha argument mal-partner taghha u f'hin minnhom tatu daharha u qabdet is-sikkina minn fuq is-sufan, daret lejh u bdiet ixxejjirha fl-arja u hu kien ghadu barra. Hu beda jaghtiha ordnijiet biex tieqaf, izda hi m'obdietx l-ordnijiet tieghu u kif taha l-ahhar ordni '*nehhi s-sikkina minn hemmhekk*' u ra li ser ddur lejn id-direzzjoni tieghu, hu kellu juza t-taser, u ra li s-sikkina kienet ghadha f'idejha. Wara li uza t-taser u kellu jaqta' l-wire tal-probe u

[14] Fol. 54
[15] Fol. 57
[16] Fol. 60
[17] Fol. 189C
[18] Fol. 185A et seq

taha d-drittijiet bil-fomm, cempel lis-Surgent PS825 u haduha l-ghassa tal-Hamrun u cemplu ghall-ambulanza. Ix-xhud kompla jghid li lill-imputata ma setghax ikellimha bil-mod ghax kellha s-sikkina f'idejha, u ghalkemm hi qatt ma ppuntat s-sikkina lejh, kienet ha ddur fid-direzzjoni tieghu filwaqt li xxejjer is-sikkina fl-arja. L-imputata ghajritu l-ikbar pufta li hawn Malta meta kienet fl-ambulanza. Huma arrestawha u s-sikkina tpoggiet f'evidence bag.

Illi PC 1218 Kenneth Mizzi xehed illi fit-2 ta' Novembru 2023, kien waqqaf lil PC Demicoli, u mar biex jipparkja vicin izda ra kollox. Kif wasal ra l-bieb miftuh u PC Demicoli kien mal-bieb ezatt, izda ma setghax jara lil Mona minn fejn kienet. Kif wasal ezatt hdejn PC2299, dan spara t-taser u qabel kien semghu jghid lill-imputata, li gharaf fl-awla, biex tnehhi s-sikkina. Kif spara t-taser, Mona waqghet u huma dahlu u arrestawha. Ix-xhud ikkonferma li wara li ghamlulha l-manetti, PC2299 qallu biex jfittex is-sikkina u sabuha hdejn is-sufan li kien xi metru l-boghod mill-bieb u tefawha f'evidence bag. Ikkonferma li PC2200 kien ftit ecitat.

Illi fit-18 ta' Gunju 2024 xehdet l-imputata fejn qalet illi hi kienet cemplet lill-Pulizija ghax ir-ragel ried joqtolha. Hi kienet ghamlet hafna rapporti id-depot Floriana kontra r-ragel li jiehu d-droga, li kellu sikkina fuqu u ghajjarha qahba u ried joqtolha. Hi kienet id-dar fuq is-sufan u r-ragel cemplilha u qalilha li kien sejjer id-dar taghha u kien ser jaqbez minn wara l-bieb biex joqtolha. Hi cemplet darbtejn 112 u l-Pulizija waslu wara ghoxrin minuta u qalulha biex tifthilhom il-bieb, u hi qaltilhom biex l-ewwel jaqbdu lir-ragel taghha Ali Mohammed Said u jkellmuh u wara jkellmu lilha. Ir-ragel kien fit-triq hdejn il-bieb tal-flat ta' wara, u l-Pulizija kienu gew mit-triq ta' quddiem. Ma kinitx l-ewwel darba li gew il-Pulizija ghax ir-ragel taghha kien jghidilha li ser jmur joqtolha, u dejjem jkollu s-sikkina fuqu. Hu kien jidhol mill-bieb ta' wara, ghax mhux gholi u jista' jaqbez u jidhol gol-flat ghax il-flats kellhom zewg bibien. Il-Pulizija qalilha biex tiftah il-bieb u hi bdiet tghidlu biex jaqbad lir-ragel l-ewwel, u hi qaltlu biex jiftah il-bieb hu, ghax il-bieb jinfetah biss minn barra u ma jinfetahx minn gewwa ghax jinghalaq bil-katnazz minn barra. Ix-xhud ipprezentat Dok XYZ1[19] li juri l-bieb. Kif dahal il-Pulizija kien edukat maghha u hi fethitlu minn gewwa, izda hi kienet irrabjata ghax kienet ilha taghmel rapporti ghal tlett xhur. Ix-xhud kompliet tghid li hi qalet lill-Pulizija li huma ma jaghmlu xejn meta jigu ghax ir-ragel ried joqtolha u minhabba f'hekk hi zzomm sikkina minhabba fir-ragel biex tiddefendi lilha nnifisha.

---

[19] Fol. 188

Il-Pulizija qalilha biex tarmi s-sikkina u mbaghad uza taser gun darbtejn u mar fuqha u arrestatha u haduha l-ghassa tal-Hamrun. Ix-xhud kompliet tghid li kellha d-dar miftuha u wara dahal ir-ragel u kellha €300 fl-imhadda u hadhomlha. Ix-xhud qalet li hi m'hedditx lill-Pulizija imma qaltlu li kien qieghed jigdeb u riedet tispjegalu. Ammettiet li ghajritu pufta ghax ma kienx qed jaghmel xogholu tajjeb imma m'hedditux. Ix-xhud qalet illi s-sikkina kienet sikkina tal-kcina. Hbieb taghha kienu hadu l-video li deher fuq social media, li pprezentat u li gie mmarkat XYZ2[20]. Fil-kontro ezami l-imputata kkonfermat illi l-Pulizija fetah il-bieb mill-ewwel minn barra ghax hi ma setghetx tifthu, u meta dahlu r-ragel ma kienx ghadu hdejha, u hi qabdet is-sikkina minn fuq is-sufan bl-intenzjoni li turi l-Pulizija li kellha tiddefendi ruhha mir-ragel taghha. Meta l-Pulizija qalilha biex tnehhi s-sikkina nehhietha ghax warbitha. Ix-xiehda kellha tigi sospiza minhabba l-attegjament tal-imputata fl-awla.

**Ikkunsidrat**

**Illi jirrizulta mill-filmati illi gew ipprezentati mill-Prosekuzzjoni u cioe' il-filmati mehuda bil-bodycams taz-zewg Kunstistabbli li marru fil-post ta' l-incident, kif ukoll mill-video ta' Tik Tok illi pprezentat l-imputata stess, illi meta PC 2299 avvicina l-bieb ta' l-imputata, liema bieb seta' facilement jinfetah mill-imputata stess, l-imputata bdiet tagixxi u titkellem b'mod agressiv u frenetiku u bdiet tghid hafna kliem li uhud minnu kien dispreggjattiv lejn il-Pulizija u anke lejn Malta u l-Maltin.**

**Illi l-Qorti rat ukoll mill-filmat li pprezentat l-imputata stess, li l-imputata qabdet sikkina kbira f'idejha u ghamlet mossi ta' 'stabbing' waqt li PC 2299 kien vicin hafna taghha u ghalkemm PC2299 kien ghadu barra u l-imputata kienet gewwa, id-distanza bejniethom ma kienitx kbira, u l-agir ta' PC 2299 fejn dan spara it-taser huwa aktar minn gustifikat, stante li kif xehed hu stess, is-sitwazzjoni li holqot l-imputata bir-reazzjoni aggressiva u vjolenti taghha, kienet imprevedibbli u ta' perikolu kemm ghal PC 2299 kif ukoll ghaliha stess.**

**Illi l-imputata mhux qed titwemmen minn din il-Qorti li kienet imbezza' u li l-mossi li ghamlet ma kienx fil-konfront tal-Pulizija, dak il-hin li wasal PC2299, stante li fl-ewwel lok, l-imputata setghet tara sew min kien hemm wara l-bieb, ghax din tidher fil-filmat tittawwal mill-logg tal-bieb, u setghat tara sew lil PC2299 li fuq kollox kien jintaghraf**

[20] Fol. 189

li kien Pulizija ghax kien liebes l-uniformi, pero' wara li dan fetah il-bieb hekk kif qaltlu jaghmel l-imputata stess, din ghazlet li tikkomporta ruhha b'mod agressiv u fl-istess hin taqbad is-sikkina meta PC 2299 kien ferm vicin taghha, filwaqt li tkompli twerzaq, tghajjat u tixxenja u ma tobdix l-ordni ta' PC2299 sabiex tnehhi is-sikkina minn idejha, u dan kollu waqt li qed tigbed bil-mobile taghha live fuq Tik Tok, fejn jidher li l-istess mobile ta' l-imputata gie mqieghed f'post strategiku sabiex jingibed kollox x'kien qed isehh u jigi trasmess live fuq Tik Tok.

Illi wkoll mill-filmat li pprezentat l-imputata stess jinftiehem illi l-imputata nehhiet s-sikkina minn idejha b'reazzjoni tat-taser, ghax sakemm gie sparat it-taser din m'obdietx l-ordni ta' PC2299 u baqghet bis-sikkina f'idejha. Il-Qorti fehmet illi dan kollu sehh f'temp ta' minuti u sekondi, pero' johrog bic-car ir-reazzjoni vjolenti u aggressiva ta' l-imputata u n-nuqqas ta' subordinazzjoni taghha, u ghalkemm l-imputata ma ppuntatx is-sikkina dirett lejn PC 2299, din ghazlet li taqbad l-istess sikkina fil-mument li PC 2299 kien ser javvicinaha.

Illi apparti minn hekk, l-imputata kompliet tikkomporta ruhha b'mod hazin u tghid kliem dispreggjattiv fil-konfront tal-Pulizija waqt li kienet qed tinzamm fl-Ghassa tal-Hamrun u baqghet ma tikkoperax mal-Pulizija anke sahansitra waqt li kienet fl-ambulanza.

Illi rigward ir-recidiva, il-Qorti rat id-dokumenti pprezentati mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali *a fol.* 57 u 60 *et sequitur* u ghalhekk hija konvinta illi l-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest mill-Ligi ir-recividita' ta' l-imputata.

Illi ghalhekk il-Qorti wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, rat il-filmati pprezentati in atti u semghat ix-xhieda, hija konvinta illi l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta' l-imputata gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 8, 31, 49, 50, 95, 96(a), 338(dd)(ee) u 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 kif ukoll Artikolu 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputata Mona Ibrahim Mahmoud **hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontriha** u qed **tikkundannaha ghal tmintax-il xahar (18) prigunerijja effettiva u ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' erbat elef Euro (€ 4,000).**

**Inoltre ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** qieghda torbot lil hatja **Mona Ibrahim Mahmud** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma timmolestax, ma ddejjaqx u ma tingurjax lil **PC 2299 Aiden Michail Demicoli u PC 1218 Kenneth Mizzi.**

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed **tordna lil hatja Mona Ibrahim Mahmud** sabiex **thallas is-somma t'elf mitejn u wiehed u ghoxrin Euro u tlieta u tletin centezmu (€1,221.33).**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**